**MINUTI**

**KUMITAT AMMINSTRATTIV TAL-MADLIENA**

**SEDUTA NUMRU 8 SARET NHAR**
**L-ERBGHA 14 TA' JANNAR 2015 FL-5PM.**

**PREŻENTI:**

Is-Sinjuri

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela | Chairperson |
| Simon Stilon | Viċi Chairperson |
| Asha Caroline Caruana | Membru |
| Teresa Valentino | Membru |
| Godfrey Leone Ganado | Membru |

**TALBA**

Il-Chairperson qalet t-talba.

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 7gew approvati hekk kif gew emmendati. Ic-Chairperson ipproponiet u l-Vici Chairperson isskeonda.

## II KOMMUNIKAZZJONI MIC-CHAIRPERSON

1. Il-Kumitat gie nfrumat li l-applikazzjoni ghall-fondi ta' l-attivitajiet li ser jsiru bejn il-Kumitat Amministrattiv u l-Kunsill. Hija nfurmat li l-attivita pproponuta mill-Kumitat hija l-iSpring Cultural Fest li pjanata li ssir fl-10, 11 u 12 ta' April 2015 pero' sa issa sar maghruf li f' dawn id-dati se ssir l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali u ghaldaqstant ghandha tinstab data alternattiva. Wara diskuzzjoni, gie deciz li din l-attivita' ghandha titella' fis-17, 18 u 19 ta' April 2015.

2. Ic-Chairperson nfurmat li l-attivita' tal-Milied kienet ta' success u attendew diversi persuni ghall-quddiesa li saret fil-Kappella. Ghaldaqstant hija nfurmat li l-ispiza totali hija €344.32 li tinkludi l-kiri ta' siggijiet, posta, ikel u xorb. Il-Kumitat unanimament approva dawn il-pagamenti.

3. Hija rrapurtat li kiteb ittra ta' ringrazzjament lis-Supt. S. Tanti u lill-Assist. Kummissarju ghall-kooperazzjoni u l-hidma taghhom rigward l-attivitajiet li gew organizzati fil-Madliena Cottage tul il-jiem tal-festi.

4. B' referenza ghal Triq l-Inginier, hija nfurmat li se jibdew ix-xoghlijiet fi Triq l-Inginier minn naha tal-WSC U fi ftit jiem, dawn se jkunu lesti.

5. Hija rreferiet ghax-xoghlijiet li qed issiru bhalissa fuq ic-cint tal-Madliena u dal-waqt se jkunu lesti wkoll.

6. Rigward il-kuntrattur Silas Ltd, hija nfurmat li kellha kuntatt ma' dan il-kuntrattur dwar ix-xoghlijiet pendent; fejn dan informa li dawn se jkunu lesti sa nofs Frar 2015.

| | |
|---|---|
| Hugh Zammit | Mary Anne Abela |
| Segretarju Eżekuttiv | Chairperson |

**III KOMMUNIKAZZJONI MILL-MEMBRI**

Mill-Membru G.L. Ganado

1. Il-Membru ssugerixxa li ssir laqgha mal-kuntrattur responsabbli mix-xoghlijiet ta' manutenzzjoni tad-dawl biex flimkien mal-Kumitat idduru t-toroq tal-Madliena u jiddentifikaw il-bozzoz maqtugha. Is- Segretarju Ezekuttiv ikuntattja lill-kuntrattur ikkoncernat u dan l-appuntament sar ghal nhar it-Tnejn 19 ta' Jannar 2015.

2. Huwa staqsa sabiex jekk hu possibli ssir appuntament ma' l-Accountant tal-Kunsill. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma li dan possibli pero' bhalissa l-Accountant tal-Kunsill ghaddej bi preparamenti biex jaghlaq il-kotba ghas-sena finanzjarja 2014 u ghalhekk jkun jaqbel jekk dan l-appuntament issir wara biex kollox jkun ffinalizat. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Mill-Membru T. Valentino

1. Il-Membru staqsiet biex tinkiteb ittra/email ufficjali lit-Transport Malta sabiex jigu ddentifikati ahjar ir-rottot il-godda tat-transport pubbliku li jghaddi mill-Madliena. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jaghmel dan.

2. Hija staqsiet jekk sarx l-appuntament mal-kuntrattur tal-manutenzzjoni tat-tabelli u s-sinjali tat-toroq; is-Segretarju Ezekuttiv nforma li l-kuntrattur jista' jiltaqa' mal-Kumitat ghada, il-Hamis 15 ta' Jannar 2015 fl-10am. Ic-Chairperson u l-Membru T. Valentino se jkunu prezenti ghal din il-laqgha.

3. Il-Kumitat gie nfurmat lib dew il-preparamenti fuq il-harga tal-fuljett tal-Madliena u ghalhekk ir-rapporti tal-membru rridu jkunu ntbaghtu lilha sat-18 ta' Jannar 2015 sabiex nevitaw iktar dewmien bla bzonn.

| | |
|---|---|
| Hugh Zammit | Mary Anne Abela |
| Segretarju Eżekuttiv | Chairperson |

**III KOMMUNIKAZZJONI MILL-MEMBRI**

Mill-Membru A.C. Caruana

1. Hija ssugeriet li minhabba li l-attivita ta' zmien il-Milied kienet wahda ta' success, ghanda titella' attivita ohra simili f'Marzu li tkun tikkonsisti wkoll f' mixja fil-Fortizza Madalena. Wara diskuzzjoni, gie deciz li din il-materja ghandha terga' tigi diskussa fis-Seduta li jmiss.

Mill- Vici Chairperson

1. Il-Vici Chairperson staqsa jekk il-Kumitat jaqbilx li Triq is-Sebh/ Triq St. Katerina tibqa' kif inhi. Il-Kumitat jaqbel pero' issugerixxa wkol li tigi two-way jekk kemm-il darba ma jkunx hemm xi oggezzjonijiet mir-residenti. Wara diskuzzjoni, gie deciz li din il-materja ghandha tigi diskussa fil-laqgha li l-Kunsill se jkollu dal-waqt mat-Transport Malta.

2. Rigward il-laqgha pubblika ghar-resienti tal-Madliena, gie deciz li din ssir fis-sala tal-Kunsill nhar it-12 ta' Marzu 2015.

Din il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm u
sar aġġornament għal nhar l-Erbgha 18 ta' Frar 2015 fil-5pm.

Hugh Zammit
Segretarju Eżekuttiv

Mary Anne Abela
Chairperson